*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

L-Erbgha 10 ta' Marzu 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Neil Portelli – Kunsillier (virtwalment)
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (virtwalment)
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZATA:
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **24.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 24.1.1 | Il-laqgha bdiet fis-18:50 ghax ma' kienx hemm quorum. |
| 24.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sur Neil Portelli talab li jattendi ghall-laqgha virtwalment minhabba ragunijiet li m'ghandux kontroll fuqhom filwaqt li s-Sa Darlene Vella Zammit talbet li tkun skuzata ghall-laqgha minhabba li ghadu kemm kellha tarbija. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli kien talab sabiex jattendi ghall-laqgha virtwalment biex jissalvagwardja lill-dawk prezenti peress li jahdem l-isptar. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| 24.1.3 | F'isem il-Kunsill Lokali, s-Sindku awgura lis-Sa Darlene Vella Zammit. |
| **24.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 24.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 24.2.2 | Is-Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Anabelle Marmara' ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 23 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **24.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 24.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-hofor tat-toroq li kien hemm Triq San Anard, Triq San Tumas, Triq Kurunell Mas u Triq Lorenzo Gonzi saru bl-asphalt bir-romblu, kif kien mifthiem fil-laqgha precedenti. |
| 24.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-iskema tar-Restawr Postijiet/Monumenti Storiċi f' Malta, ntbghatet lid-Dipartiment koncernat. |
| 24.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha virtwali mal-Perit responsabbli mill-progett *Slow Streets*, fejn gew diskussi proposti ta' progetti fit-Toroq tal-lokalita sabiex ikun hemm aktar akwati pedonali ghar-residenti. Is-Sindku spjega li dan il-progett se jigi diskuss aktar il-quddiem meta jkun komlut ir-rapport tal-Perit. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 24.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li rcieva konferma bil-miktub minn *Infrastructure Malta* li ser issir pelikan *zebra crossing* fit- Triq tal-Barrani. |
| 24.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li harget it-tieni sejha tal-iskema *Norwegian Funds*,(SGS) u ssugerixxa li l-Kunsill japplika ghall-progett iehor. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill ghandu japplika sabiex jigi rinovat Gnien Joanne u ssir xi haga nnovattiva ghall-aktar taghlim u rikreazzjoni. |
| 24.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-iskema ghall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 intbghatet lir-Regjun Xlokk kif indikat fic-Cirkulari SPI/SCI/3/2021 datata 2 ta' Frar 2021. |
| 24.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ghaddej ix-xoghol fuq l-iskema tal-*LC Care Project* u nforma lill-Kunsilliera li gew ordnati d-djar ghall-qtates flimkien ma' ammont sostanzjali ta' ikel li diga' tqassam lill-*Cat Feeders*. Is-Sindku irringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Kunsill specjalment lill-Kunsilliera Anabella Marmara' tal-inizjattiva u ta' l-ghajnuna li provdiet mar-ragel taghha sabiex jitqassam l-ikel fid-djar tal-*Cat Feeders*. |
| 24.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Agenzija LESA habbret li permezz ta' fondi li jammontaw tlett miljun ewro se tkun qed tinvesti fil-komunitajiet ghaldaqstant, il-Kunsill se jkun jista' japplika ghall-progett li jkun ta' gid ghac-cittadin. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu japplika ghall- Van tal-elettriku sabiex ikun jista' jassisti fil-bzonnijiet tar-residenti anzjani u l-vulnerabbli. |
| 24.3.9 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li l-bandli tal-lokalita' jinghalqu temporanjament u jitwahhlu tabelli sabiex jigu osservati aktar il-mizuri tas-sahha li hargu fis-sehh minhabba l-pandemija. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-bandli ghandhom jinghalqu temporanjament sabiex tigi salvagwardjata s-sahha tar-residenti. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

JAG

| | |
|---|---|
| **24.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 24.4.1 | Sur Segretarju dejjem jekk joghgbok ghall- laqgha ta 10/03/2021, li tigi nhar l'Erbgha jien nixtieq li naghmel u nressaq din il-mistoqsija fil-kunsill, din ga konna tkellimna fuqha imma jien nixtieq li nkelmu lill- Perit biex jaghmlilna pjanta biex tikkomplimenta ma li ha naghmlu tar- *Reach Out Center* u tigi ppjanta f'wahda halli inkunu nistaghu naghmlu il-binja li dejjem xtaqna u qatt ma kelna Hal-Tarxien. Din biex il-quddiem tigi binja bhal ma hemm fl-irhula u pajjizi ohra kollox migbur fl-istess binja ,berga , ufficini, sala , store, garage, ecc . Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill jiltaqgha mall-Perit u jiddiskuti l-proposta tas-Sur Debattista. |
| **24.5** | **Rapporti** |
| 24.5.1 | Il-Kunsill gie nfurmat li saret emenda fic-Cirkulari *SPI*/SCI/3/2021 datata 2 ta' Frar 2021 minghand id-Divizzjoni tal-Gvern Lokali, *"Skema ghall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021"*. Is-Sindku spjega li s-sena ta' perjodu tal-implimentazzjoni ha tibda' tghodd minn meta id-Dipartiment tas-Sahha Pubblika jirrevoka id-direttiva ta l-attivitajiet tal-massa. |
| 24.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-wirja tal-vari z-zghar tal-Gimgha l-Kbira li kienet prevvista li tinzamm id-Dar tal-Kejka mhux se ssir. Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace spjega li ghalkemm kienu se jittiehdu l-mizuri kollha mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha xorta gie deciz li din is-sena l-wirja ma' tinzamx u dan sabiex tigi salvagwardjata s-sahha tan-nies minhabba l-pandemija COVID-19 u issa l-varjant. |
| 24.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Christian Pace attenda laqgha mal-persuni responsabbli u haddiema tad-Dar tal-Anzjani l-gdida f 'Ħal Tarxien . Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier is-Sur Christian Pace tal-prezentazzjoni li ghamel waqt il-laqgha, fejn spjega fid-dettal il-wirt kulturali u l-istorja tal-lokalita'. |
| 24.5.4 | Il-Kunsilliera gew infurmati li wiehed mill-haddiema tal-Kunsill gie x-xoghol u nforma lill-kollegi tieghu li persuna li kien fil-kumpanija taghha l-gurnata ta qabel kellha d-deni u b' dahka urijom ritratt tat-temperatura. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li malli giet infurmata bghatet il-haddiem mill-ewwel id-dar u kkomunikat mal-Kunsillier is-Sur Christian Pace sabiex jaghti gwida fuq li gara minhabba li jahdem f'dan il-qasam. Is-Sur Christian Pace spjega li din mhux attitudni u mhux etika li waqt din il-pandemija persuna li kienet f' kuntatt ma xi hadd li ghandu d-deni jew ma jiflahx, tigi ghax-xoghol minghajr ma' tiehu l-prekawzjonijiet. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillier gie deciz li dan il-haddiem ghandu jinaghta *warning* fuq dan l-ghagir irresponsabbli. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **24.6** | **Mozzjonijiet** |
| 24.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **24.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 24.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li sar l-*opening* tat-*Tender tar-Reach Out Centre-Community Hall,* u saret l-evalwazzjoni fejn irrizulta li *bidder* wiehed applika ghall-dan it-*Tender*. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara li saret kjarifika sabiex il-bidder jibghat il-licenzja, irrizulta li hija skaduta ghaldaqstant ma' kienx teknikalment *compliant*. Is-Sindku qal ukoll li l-offerta tal-*bidder* hija wkoll aktar gholja mill-*budget* tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta r-Rapport tal-Evalwazzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti r-Rapport tal-Evalwazzjoni gie approvat u gie deciz li t-*Tender* ghandu jerga' jigi publikat mill-aktar fis. |
| **24.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 24.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 20/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Frar/Marzu 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 24.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Thomas Debattista ssekondata mis-Sa Anabelle Marmara' l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **24.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 24.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.40p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 14 ta' April 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 10 ta' Marzu 2021.

J. Ab Gal

**Joseh Abela Galea**
Sindku

E. Vella

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv